DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 80/2012

tat-30 ta' April 2012

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) għall-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I ta' mal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 39/2012 tat-30 ta' Marzu 2012 ([1]).

(2) L-Anness II ta' mal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 45/2012 tat-30 ta' Marzu 2012 ([2]).

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 420/2011 tad-29 ta' April 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 li jiffissal-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel ([3]), kif irranġat permezz tal-ĠU L 168, 28.6.2011, p. 20, għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 835/2011 tad-19 ta' Awwissu 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 dwar il-livelli massimi għall-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fl-oġġetti tal-ikel ([4]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 836/2011 tad-19 ta' Awwissu 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 333/2007 li jistabbilixxi l-metodi ta' teħid ta' kampjuni u analiżi għall-kontroll uffiċjali ta' livelli ta' ċomb, kadmju, merkurju, landa inorganika, 3-MCPD u benzo(a)pyrene [benżo(a)piren] fl-oġġetti tal-ikel ([5]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(6) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2011 tat-23 ta' Awwissu 2011 li japprova l-kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni mwettqa mill-Kanada fuq il-qamħ u d-dqiq tal-qamħ għall-preżenza tal-okratossina A ([6]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(7) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 931/2011 tad-19 ta' Settembru 2011 dwar ir-rekwiżiti tat-traċċabbiltà stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-ikel li joriġina mill-annimali ([7]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(8) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 978/2011 tat-3 ta' Ottubru 2011 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi ta' residwu għall-aċetamiprid, bifenil, kaptan, klorantraniliprol, ċiflufenamid, ċimossanil, diklorprop-P, difenokonażol, dimetomorf, ditjokarbamati, epossikonażol, etefon, flutriafol, flussapirossad, isopirażam, propamokarb, piraklostrobin, pirimetanil u spirotetramat fi jew fuq ċerti prodotti ([8]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(9) Fil-każ T-262/10 il-Qorti Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea annullat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/169/UE ([9]), li hija inkorporata fil-Ftehim u għalhekk għandha titħassar skont il-Ftehim.

(10) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni rigward il-kwistjonijiet veterinarji, l-għalf u l-oġġetti tal-ikel. Il-leġiżlazzjoni dwar il-kwistjonijiet veterinarji, l-għalf u l-oġġetti tal-ikel ma tapplikax għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali għall-Anness I u fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II ta' mal-Ftehim. Din id-deċiżjoni għalhekk ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I ta' mal-Ftehim jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 55 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 517/2011) fil-Parti 7.2 tal-Kapitolu I:

"56. **32011 R 0931**: ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 931/2011 tad-19 ta' Settembru 2011 dwar ir-rekwiżiti tat-traċċabbiltà

([1]) ĠU L 207, 2.8.2012, p. 13.
([2]) ĠU L 207, 2.8.2012, p. 24.
([3]) ĠU L 111, 30.4.2011, p. 3.
([4]) ĠU L 215, 20.8.2011, p. 4.
([5]) ĠU L 215, 20.8.2011, p. 9.
([6]) ĠU L 218, 24.8.2011, p. 4.
([7]) ĠU L 242, 20.9.2011, p. 2.
([8]) ĠU L 258, 4.10.2011, p. 12.
([9]) ĠU L 75, 23.3.2010, p. 25.

stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 242, 20.9.2011, p. 2)."

2. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 40 (ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu II:

"— **32011 R 0978**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 978/2011 tat-3 ta' Ottubru 2011 (ĠU L 258, 4.10.2011, p. 12)."

Artikolu 2

Il-Kapitolu XII tal-Anness II ta' mal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 54zzy (ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"— **32011 R 0978**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 978/2011 tat-3 ta' Ottubru 2011 (ĠU L 258, 4.10.2011, p. 12)."

2. Dan li ġej jiżdied fil-punt 54zzzp (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 333/2007):

", kif emendat permezz ta':

— **32011 R 0836**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 836/2011 tad-19 ta' Awwissu 2011 (ĠU L 215, 20.8.2011, p. 9)."

3. L-inċiżi li ġejjin jiżdiedu fil-punt 54zzzz (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006):

"— **32011 R 0420**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 420/2011 tad-29 ta' April 2011 (ĠU L 111, 30.4.2011, p. 3), kif irranġat permezz tal-ĠU L 168, 28.6.2011, p. 20.

— **32011 R 0835**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 835/2011 tad-19 ta' Awwissu 2011 (ĠU L 215, 20.8.2011, p. 4)."

4. Il-punti li ġejjin jiżdiedu wara l-punt 60 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 666/2011):

"61. **32011 R 0844**: ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2011 tat-23 ta' Awwissu 2011 li japprova l-kontrolli ta' qabel l-esportazzjoni mwettqa mill-Kanada fuq il-qamħ u d-dqiq tal-qamħ għall-preżenza tal-okratossina A (ĠU L 218, 24.8.2011, p. 4).

62. **32011 R 0931**: ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 931/2011 tad-19 ta' Settembru 2011 dwar ir-rekwiżiti tat-traċċabbiltà stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 242, 20.9.2011, p. 2)."

5. It-test tal-punt 54zzzzzl (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/169/UE) jitneħħa.

Artikolu 3

It-testi tar-Regolamenti (UE) Nru 420/2011, (UE) Nru 835/2011, (UE) Nru 836/2011, tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2011, (UE) Nru 931/2011 u tar-Regolament (UE) Nru 978/2011 bl-ilsien Islandiż u b'dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2012, dment li jkunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim (*).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' April 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

L-Aġent President

Gianluca GRIPPA

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.